MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 80/2014

**Daniela Mtanos Salame (K.I. Nru. 275880M) u Elie Toni Mtanos Salame (K.I. Nru. 29407A)**

***kontra***

**JJC Construction Services Limited (C-27391)**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-<u>29 ta` Jannar 2014</u> li jaqra hekk –

*1. Premess illi ricentement l-esponenti saru jafu li s-socjeta` konvenuta JJC Construction Limited registrat ipoteka ossia privilegg specjali fuq il-proprjeta` taghhom 73, Il-Bejta, Triq San Guzepp, Sqaq Nru. 3, Haz-Zabbar fit-13 ta` Awwissu 2008 ghall-ammont ta` €23,659.77 bl-imghax skont il-ligi u dana ad insaputa taghhom. Kopja tad-dokumenti hija hawn annessa u mmarkata Dok. `A` ;*

*2. U billi din l-iskrizzjoni fuq premessa sehhet ad insaputa tal-atturi li saru jafu bil-privilegg biss wara li dahlu f`konvenju ghal bejgh tal-proprjeta` u saru r-ricerki min-nutar inkarigat ghal dak il-ghan ;*

*3. U billi l-iskrizzjoni ta` Privilegg Specjali numru 12761 iskritta fit-13 ta` Awwissu 2008 hawn annessa u mmarkata bhala Dok. `A` hija nulla u ineffettiva ghas-segwenti ragunijiet :*

*a) L-iskrizzjoni ma saritx fit-terminu perentorju stabbiliti mil-ligi (u cioe` s-subinciz (b) tal-artikolu 2030 tal-Kap. 16) u dan ghaliex ix-xogholijiet intemmu fl-ewwel (1) ta` Jannar tas-sena 2007 ;*

*b) Li kwalunkwe pretenzjoni ghal xi pagamenti da parti tas-socjeta` intimata llum-il gurnata hija milquta bil-preskrizzjoni u apparti dan is-socjeta` intimata stess kienet abbandunat ix-xogholijiet ;*

*4. U billi l-iskrizzjoni ta` privilegg specjali `l fuq imsemmija qieghda tikkawza danni serji lir-rikorrenti billi ma jistghux jonoraw l-obbligazzjoni li ghandhom inkluzi dawk naxxenti minn konvenju vigenti ma` terzi ;*

*5. U billi minkejja li s-socjeta` intimata giet debitament interpellata sabiex tirrevoka u thassar l-iskrizzjoni premessa, l-intimata baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :*

*1. Tiddikjara li l-iskrizzjoni ta` l-ipoteka numru H12761/2008 li giet iskritta fit-13 ta` Awwissu 2008 fuq id-dar li ggib in-numru tlieta u sebghin (37), Sqaq numru tlieta (3), Triq San Guzepp, Haz-Zabbar hija nulla u bla effetti fil-ligi billi fost affarijiet ohra giet iskritta tardivament ;*

*2. Tordna lis-socjeta` intimata tikkancella a spejjez unikament taghha l-istess privilegg specjali fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa u ghal dan il-ghan tahtar nutar pubbliku sabiex jippubblika kull att relattiv kif ukoll tahtar kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci ;*

*3. Tiddikjara li l-atturi soffrew danni kagun tal-agir abbuziv u rregolari tas-socjeta` intimata, liema danni ghandhom ghalhekk jigu likwidati fi procedura separata jekk ikun hekk il-kaz.*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta` intimata.*

*U b`rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-mittenti naxxenti mill-fatti hawnhekk fil-qosor premessi.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-atturi u l-elenku ta` dokumenti esebiti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kumpannija konvenuta prezentata fil-21 ta` Marzu 2014 li taqra hekk –

*1. Illi referibbilment ghall-ewwel talba tar-rikorrenti din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta` intimata rregistrat ipoteka specjali legali u mhux privilegg specjali fuq il-fond proprjeta` tar-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-istess nota ipotekarja numru 12761.*

*2. Illi referibbilment ghall-ewwel talba tar-rikorrenti din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li l-istess ipoteka specjali hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u giet insinwata skont ir-rekwiziti tal-istess Kap 16.*

*3. Illi referibbilment ghall-ewwel talba tar-rikorrenti din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li hija inveritiera l-allegazzjoni tar-rikorrenti li l-istess socjeta` intimata abbandunat ix-xoghlijiet kif ukoll il-pretensjoni ta` pagament da parti taghha hija "illum-il gurnata milquta bil-preskrizzjoni", fuq ammissjoni taghhom stess li x-xoghlijiet tlestew ghas-sodisfazzjoni u kif certifikat mill-perit taghhom stess AIC Kurt Camilleri Burlo.*

*4. Illi referibbilment ghat-tieni talba tar-rikorrenti din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li ma hemm l-ebda lok ghal kancellament taghha u / jew nomina ta` nutar pubbliku biex jippubblika l-att u ghal kuratur specjali biex jidher ghall-eventwali kontumaci.*

*5. Illi relattivament ghat-tielet talba tar-rikorrenti din hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li oltre l-fatt li jrid jigi pruvat li lilhom gie kagunat xi dannu l-istess socjeta` intimata ma kkagunat l-ebda dannu lir-rikorrenti.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija konvenuta, l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata u d-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija konvenuta.

Semghet ix-xiehda tal-attrici Daniela Mtanos Salame fl-udjenza tat-8 ta` Mejju 2014 u rat id-dokumenti li kienu prezentati fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Ermelinda Zahra, Direttur tar-Registru Pubbliku, u tal-Perit Kaurt Camilleri Burlo` fl-udjenza tal-4 ta` Gunju 2014 u rat id-dokument li kien prezentat fl-istess udjenza.

Semghet ix-xiehda ta` Jeremy Cassar fl-udjenza tal-15 ta` Lulju 2014 u rat id-dokumenti li kienu esebiti fl-istess udjenza.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri tal-partijiet fl-istess udjenza.

Rat in-nota b`estratti minn gurisprudenza li pprezentat l-attrici fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**L-attrici** Daniela Mtanos Salame xehdet illi hi u r-ragel taghha kienu akkwistaw house of character go Haz-Zabbar f`Lulju tal-2006 u qabbdu lis-socjeta` konvenuta biex tezegwixxi xogholijiet fil-fond. Fil-bidu kollox kien regolari. Fl-2007 il-kumpannija konvenuta abbandunat ix-xoghol. In segwitu rceviet l-ittra Dok DMS1 biex thallas lill-kumpannija konvenuta. Marret bl-ittra ghand avukat u l-parir tieghu kien illi billi kien hemm penali ghat-tlestija tax-xoghol, u billi x-xoghol ma kienx tlesta, kienet hi li kellha tiehu minghand il-kumpannija konvenuta mhux bil-maqlub. Baghtet ittra b`risposta (Dok DMS2) u ma semghet xejn aktar. Wara li hi u zewgha ghamlu separazzjoni, ghamlu konvenju ma` terzi biex ibieghu d-dar ta` Haz-Zabbar. Mir-ricerki rrizulta li l-kumpannija konvenuta kienet irregistrat l-ipoteka mertu ta` din il-kawza. Huma qabel ma kienux jafu illi kienet registrata dik l-ipoteka.

Fil-**kontroezami**, l-attrici xehdet illi l-perit taghhom kien il-Perit Kurt Camilleri Burlo`. Mal-kumpannija konvenuta kienu ffirmaw kuntratt fis-27 ta` Lulju 2006. Ghamlet diversi pagamenti lill-kumpannija konvenuta. L-attrici kkontestat li kien hemm bilanc dovut lill-istess konvenuta fl-ewwel lok ghaliex kwalsiasi bilanc pretiz kien milqut bil-preskrizzjoni u fit-tieni lok ghaliex billi x-xoghol ma tlestiex, skattat il-penali bil-konsegwenza li ma kien dovut xejn. Hija ma ghamlet l-ebda proceduri legali kontra l-konvenuta ghal allegat xoghol hazin. Murija d-dokument a fol 30, l-attrici stqarret illi dak li stqarr il-perit fic-certifikat tieghu kien zbaljat ghaliex mhux ix-xogholijiet kollha kienu saru.

Id-**Direttur tar-Registru Pubbliku** pprezentat ipoteka specjali numru 12761 li kienet iskritta fuq il-fond 73, Alley 3, Saint Joseph Street, Zabbar. Il-kreditur indikat hija s-socjeta` konvenuta waqt li d-debitur huma l-atturi.

Il-**Perit Kurt Camilleri Burlo** ikkonferma l-*completion certificate* a fol 30 tal-process.

Xehed illi huwa applika ghal permess sabiex isiru alterazzjonijiet u estensjoni tal-fond 73, Alley 3, Saint Joseph Street, Zabbar. Wara li hareg il-permess, bdew ix-xogholijiet. Huwa kien ghamel il-kalkoli strutturali sabiex isiru l-alterazzjonijiet. Is-socjeta` konvenuta kienet il-kuntrattur li kellha tesegwixxi x-xoghol. Huwa ma kienx hejja l-kuntratt ta` appalt. U ma kienx involut fix-xogholijiet kollha hemm indikati ghaliex hu kien qed jiehu hsieb l-kostruzzjoni. Fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud kkonferma li c-certifikat li hareg kien dwar l-kostruzzjoni u l-*finishes* li huwa kien qed jara dak l-mument u mhux skond dak li kien stipulat fil-kuntratt ta` appalt. Ix-xogholijiet li kellhom isiru u li kienu essenzjali, qeghdin fil-pjanti u mhux fil-kuntratt. Ma setax jiftakar ghaliex fic-certifikat tieghu inkluda l-*finishes* ukoll ; normalment kien jaghmel *attachment* bil-lista tax-xogholijiet. Huwa sab il-pjanta li kien ghamel izda mhux il-lista tax-xogholijiet. Mistoqsi mill-Qorti jekk kienx f`qaghda li jikkonferma li x-xoghol ta` kostruzzjoni kien twettaq mill-kumpannija konvenuta ghas-sodisfazzjon tieghu, ix-xhud ikkonferma li l-kostruzzjoni saret taht is-sorveljanza tieghu u x-xogholijiet saru ghas-sodisfazzjon tieghu. Dwar il-*finishes* ma kienx cert ghalkemm jaf li qatt ma hareg pjanta dwarhom. Il-*finishes* li jsemmi fic-certifikat tieghu jistghu jkunu *finishes* relatati ma` kostruzzjoni.

Fil-**<u>kontroezami,</u>** ix-xhud stqarr li ma jitftakarx f`liema kuntest kien hareg ic-certifikat ; lanqas ma jiftakar jekk meta hareg ic-certifikat kienx iltaqa` mal-partijiet. Mistoqsi mill-Qorti x`kien kejjel, ix-xhud wiegeb li hu ma kienx ghamel kejl ; ic-certifkat hareg wara li sar x-xoghol strutturali. Kien sodisfatt illi s-saqaf kien jiflah il-pizijiet li kien ddizinjat ghalihom. Huwa ma kienx il-*project manager* u ma dahalx fi kwistjonijiet dwar jekk ix-xoghol kienx ezegwit tard inkella le.

**<u>Jeremy Cassar</u>** mis-socjeta` konvenuta xehed illi l-attrici kienet marret l-ufficcju taghhom u tawha stima tal-prezz ta` xogholijiet li riedet taghmel fid-dar taghha Haz-Zabbar. Is-socjeta` konvenuta kienet involuta fil-kostruzzjoni u xi *finishes*, izda mhux fil-*finishes* kollha. Ix-xoghol esegwit mis-socjeta` konvenuta sar taht s-supervizjoni tal-Perit Kurt Camilleri Burlo, li kien il-perit tal-attrici. Wara li kien isir ammont ta` xoghol, is-socjeta` konvenuta kienet tohrog invoice u l-attrici kienet thallas. Waqt li kien qed isir ix-xoghol, ma kien hemm l-ebda ilmenti la mill-attrici u lanqas mill-perit, lanqas dwar allegat xoghol hazin. Meta s-socjeta` konvenuta baghtet l-ahhar kont, l-attrici ma hallsitux. Kellhom

jirrikorru ghall-avukat taghhom li kiteb lill-attrici. Min-naha taghha, l-attrici wiegbet li ma kellha taghti xejn bla ma tat raguni. In segwitu s-socjeta` konvenuta ghamlet ipoteka specjali.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud stqarr li x-xoghol tlesta madwar Mejju jew Gunju tal-2007. Ikkontesta bhala infondata l-allegazzjoni tal-kontroparti li kien ghad fadal hafna xoghol x`isir. Ix-xoghol kollu li kellu jsir twettaq. Ikkonferma li fil-kuntratt kien hemm klawsola dwar penali ghal dewmien.

**Ikkunsidrat :**

**III. Sottomissjonijiet**

**1) L-atturi**

Jissottomettu li l-azzjoni tal-lum hija cirkoskritta ghall-iskrizzjoni tal-ipoteka mhux dwar hlas jew ezekuzzjoni ta` xogholijiet. Isostnu li l-iskrizzjoni kienet tardiva. L-ipoteka hija accessorja ghad-dritt principali, u allura jekk id-dritt huwa preskritt, anke l-accessorju jkun preskritt. Jirreferu ghall-Art 2085 tal-Kap 16 li jghid illi jekk dejn huwa milqut bil-preskrizzjoni, anke l-ipoteka tkun milquta bl-istess mod. Inoltre skond l-Art 2087 tal-Kap 16, il-fatt li kienet registrata l-ipoteka ma jfissirx li kienet interrotta l-preskrizzjoni. L-interuzzjoni ssehh bin-notifika ta` att gudizzjarju. L-atturi jirreferu ghal "**Fortunato Piscopo vs Dr. Giovanni Chappell**" deciza minn din il-Qorti fl-14 ta` Marzu 1980 u "**Dr. Giovanni Messina vs Natale Vella**" deciza minn din il-Qorti fis-26 ta` Ottobru 1880. B`nota taghhom l-atturi ghamlu wkoll riferenzi gurisprudenzjali ohra.

**2) Is-socjeta` konvenuta**

Tissottometti li mill-premessi u mit-talbiet attrici, ma tirrizulta l-ebda talba ghal dikjarazzjoni ta` preskrizzjoni. Is-socjeta` konvenuta iskriviet ipoteka legali specjali. Dik in kwistjoni ma kenitx iskrizzjoni ta` privilegg specjali, u ghalhekk l-ewwel talba ma tregix, ghaliex l-iskrizzjoni ta` ipoteka ghad-differenza ta` privilegg ghandha terminu ta` tletin (30) sena. Dwar is-sottomissjoni tal-atturi fejn allaccjaw l-accessorju mal-principali, u dwar il-fatt li l-principali huwa preskritt, is-socjeta` konvenuta kkontestat dan l-argument abbazi tal-fatt li l-atturi ma ressqu l-ebda talba biex il-pretensjoni principali tas-socjeta` konvenuta wara l-iskrizzjoni tal-ipoteka tigi dikjarat preskritta. Kif del resto ma rrizultat l-ebda prova da parti tal-atturi ta` xoghol esegwit hazin jew tardivament mill-kumpannija konvenuta.

**Ikkunsidrat :**

**IV. Risultanzi**

**1) L-ewwel talba**

Il-Qorti taghmel riferenza ghal dawn id-disposizzjonijiet :-

**L-Art 2010(b) tal-Kap 16** li jaqra hekk :-

*Il-kredituri privileġġati fuq l-immobbli huma :*

*… l-arkitetti, l-appaltaturi, il-bennejja u ħaddiema oħra, fuq l-immobbli mibni jew mibni mill-ġdid jew imsewwi, għall-kreditu ta` l-ispejjeż u tal-prezz ta` xogħolhom.*

**<u>L-Art 2029 tal-Kap 16</u>** li jghid :-

*Il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli u fuq ħwejjeġ mobbli kif speċifikat fl-artikoli 2002(2) u 2012(1)(b) m`għandhomx effett jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku fiż-żmien ta` xahrejn.*

**<u>L-Art 2031(2) tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*L-ipoteka legali mgħaqqda mal-krediti privileġġati tibqa` sħiħa, ukoll jekk dawn il-privileġġi ma jkunux ġew inskritti fiż- żmien hawn fuq imsemmi, basta li din l-ipoteka tiġi inskritta kif meħtieġ fl-artikolu 2033.*

**<u>L-Art 2033(1) tal-Kap 16</u>** li jghid :-

*L-ipoteka legali, ġudizzjali, jew konvenzjonali, m`għandhiex effett jekk ma tiġix imniżżla fir-Reġistru Pubbliku, u ma tiħux grad ħlief minn dak in-nhar ta` l-iskrizzjoni.*

**<u>L-Art 2036 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*L-iskrizzjoni tista` tiġi mitluba mill-kreditur, jew minn kull persuna oħra li jkollha interess.*

**<u>L-Art 2043 tal-Kap 16</u>** li jghid :-

*Meta l-ipoteka legali jew il-privileġġ ma jkunux ġejjin minn att pubbliku, il-kawża li tagħti lok għal dak il-privileġġ jew għal dik l-ipoteka, u ż-żmien ta` meta tnisslu, għandha tiġi msemmija fin-nota.*

**<u>L-Art 2084 tal-Kap 16</u>** li jaqra hekk :-

*Il-privileġġi u l-ipoteki jispiċċaw -*

*(a) meta tispiċċa l-obbligazzjoni prinċipali ;*

*(b) bir-rinunzja tal-kreditur għall-privileġġ jew għall-ipoteka ;*

*(c) billi jsiru l-proċeduri meħtieġin taħt it-Titolu II tat-Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta` Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ;*

*(d) bil-preskrizzjoni.*

Abbazi ta` dawn id-disposizzjonijiet, jirrizulta illi l-kumpannija konvenuta bhala kreditur tal-atturi kellha dritt titlob li ssir iskrizzjoni. Billi l-kumpannija konvenuta tikkwalifika bhala kreditur privileggjat, ai termini tal-Art 2010(b), bhala kreditrici li ghandha privilegg fuq immobbli, ghandha wkoll ipoteka legali specjali fuq l-immobbli, ai termini tal-Artikolu 2022. Billi din tal-lum hija ipoteka legali specjali, tibqa` shiha anke jekk il-privilegg ma jigix iskritt fit-terminu perentorju ta` xahrejn, basta l-ipoteka legali tigi iskritta. Ghalhekk is-sottomissjoni tal-atturi illi l-ipoteka legali kienet nulla ghaliex giet iskritta tardivament ma tregix, ghaliex l-essenzjali huwa li l-ipoteka legali tigi iskritta fir-Registru Pubbliku, liema iskrizzjoni gie ppruvat illi saret mis-socjeta` konvenuta bhala kreditur tal-atturi. Fin-nota ta` iskrizzjoni ta` l-ipoteka legali, tissemma kemm il-kawza, kif ukoll z-zmien, kif trid il-ligi. Jirrizulta ppruvat illi s-socjeta` konvenuta setghet tiskrivi l-ipoteka legali specjali, liema ipoteka hija valida ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Skond l-atturi, l-ipoteka ma setghetx tigi iskritta ghaliex jikkontendu li l-kreditu tal-kumpannija konvenuta kien milqut bil-preskrizzjoni. Issa bl-ewwel talba, l-atturi qeghdin jitolbu lill-Qorti sabiex tiddikjara nulla l-ipoteka de qua. Din tal-atturi mhijiex azzjoni fejn qeghdin jippremettu li x-xogholijiet li saru mis-socjeta` konvenuta saru hazin, u ghalhekk l-ammont pretiz mhux dovut. Jekk ix-xoghol esegwit mis-socjeta` konvenuta sarx tajjeb inkella le, jew jekk tlestiex kollu inkella le, mhuwiex ta` rilevanza ghall-fini tal-azzjoni tentata mill-atturi, apparti kull konsiderazzjoni ta` prova ta` fatti. Il-vera kwistjoni hija jekk is-socjeta` konvenuta kellhiex jedd tiskrivi l-ipoteka, u jekk l-att huwiex validu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. L-atturi jgibu `l quddiem l-argument illi ladarba l-iskrizzjoni ta` ipoteka hija accessorja ghall-jedd principali, jekk dak il-jedd principali huwa prekritt, l-accessorju jaqa` wkoll. Il-fehma tal-atturi mhijiex kondivisa minn din il-Qorti. Din tal-lum mhijiex azzjoni sabiex il-Qorti tiddikjara jekk kreditu ghandux jithallas inkella le. Il-preskrizzjoni ma tistax titqajjem mill-Qorti *ex officio.* Inoltre ai termini tal-Art 2084(d), il-preskrizzjoni setghet tigi invokata u determinata mill-Qorti li kieku l-atturi talbu **specifikament** sabiex il-Qorti tiddikjara t-terminazzjoni tal-ipoteka legali specjali abbazi ta` preskrizzjoni, billi jindikaw ukoll id-disposizzjoni tal-preskrizzjoni li fuqha kienu qeghdin jistriehu. Minn dan kollu l-atturi ma ghamlu xejn. Jinghad inoltre li s-sentenza ta` din il-Qorti tal-14 ta` Marzu 1890 fil-kawza "**Fortunata Piscopo et vs Dr. Giovanni Chapelle noe et**" citata mill-atturi m`ghandhiex rilevanza ghal din l-azzjoni minhabba l-fatt li dik il-kawza kienet tikkoncerna dota kkostitwita b`kuntratt pubbliku, liema kreditu

kien gie garantit permezz ta` ipoteka, u fiha l-konvenut kien eccepixxa l-preskrizzjoni.

Hija l-fehma konsiderata tal-Qorti li l-ewwel talba ghandha tkun respinta.

**2) <u>It-tieni talba</u>**

Michuda l-ewwel talba, ma tistax tintlaqa` t-tieni talba li minnha tiddependi, apparti l-fatt li konsegwenza tat-twettieq tal-provvediment li tat il-Qorti fit-8 ta` Mejju 2014, wara rikors li pprezentaw l-atturi fid-29 ta` Jannar 2014, din it-tieni talba kienet superata mill-eventi li sehhew fil-mori tal-kawza, b`istanza tal-atturi.

**3) <u>It-tielet talba</u>**

Ir-rigett tal-ewwel talba jwassal ghall-konsegwenza li lanqas it-tielet talba ma tista` tirnexxi.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi, filwaqt li qeghda tilqa` l-eccezzjonijiet tal-**

**kumpannija konvenuta, qeghda tichad it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kollha ta` din il-kawza jbatuhom l-atturi wahedhom.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------